Nru. 18,059
Prezz/Price
Lm0.16 (€0.37)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 2 ta' April, 2007
Monday, 2nd April, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 301

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-2 ta' April, 2007

(File No. L 964/76/V)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Kalkara:–

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 75.82 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern Ċivili jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħmar

GOVERNMENT NOTICE

No. 301

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

2nd April, 2007

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in terms of the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and that the acquisition thereof is to be by absolute purchase.

Description of the Land

The following land at Kalkara:–

1. A plot of land measuring about 75.82 square metres, bounded on the North, South and East by property of the Civil Government or more precise boundaries.

The abovementioned property is shown in red on plan P.D.

fuq il-pjanta P.D. Nru. 2007_267 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut hu ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija u għoxrin Lira Maltija Lm21,420 (€49,895.18), skond l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-perit arkitett Fred H. Valentino A.&C.E.

Ma' din id-Dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata *site plan* li turi l-immobbli msemmija.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President
31/3/2007

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 3673.

Stima tal-Perit (oriġinali bil-Malti)

Art fil-Kalkara

Fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fil-Kalkara, li hi meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li ħadt in kunsiderazzjoni l-lokalitàm kif ukoll ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom x'jaqsmu mal-valur ta' l-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 75.82 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern Ċivili, liema art hija meqjusa bħala art fabbrikabbli fit-termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet u hija murija bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 2007_267, hija stmata għall-valur ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija u għoxrin Lira Maltija Lm21,420 (€49,895.18).

Fred H. Valentino A.&C.E.

It-30 ta' Marzu, 2007

Nru. 2007_267, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered is twenty one thousand, four hundred and twenty Maltese Liri Lm21,420 (€49,895.18), according to the valuation attached to this declaration made by Architect Fred H. Valentino A.&C.E.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President
31/3/2007

This site plan is being published on page 3673.

Architect's Valuation (original in Maltese)

Land at Kalkara

I have been instructed by the Commissioner of Land to assess under the Land Acquisition, Public Purposes Ordinance, Chapter 88 of the Laws of Malta, the free and unencumbered of the property at Kalkara mentioned hereunder, which property is required by Government for a public purpose, after considering the locality, as well as other matters realted with the same property.


A plot of land measuring about 75.82 square metres, bounded on the North, South and East by property of the Civil Government, which land is considered as a building site in terms of the Land Acquisition (Public Purposes) and is shown in red on plan P.D. 2007_267 and is valued for the price of twenty one thousand, four hundred and twenty Maltese Liri Lm21,420 (€49,895.18).


Fred H. Valentino A.&C.E.

30th March, 2007

Dan hu dokument uffiċċjali ghall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only [227 - Divizjoni ta' l-Artijiet tal-Gvern]





Gvern Ta' Malta Pjanta tas-sit **1:2500** *Site Plan* **Government of Malta**

Reġistru ta' l-Artijiet

Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta

Land Registry

Casa Bolino, 116 West Street, Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 102341M	Pożizzjoni Ċentrali: x = 58434 *Centre Coordinates:* y = 72124	*Parti minn SS:* *Extracted from SS:* 5872	Data: *Date:* 28/03/2007

Perit *Architect:*

Timbru tal-Perit *Architect's Stamp*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department

Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* Area - 411 m²

Firma tal-Applikant *Applicant's signature*

Dritt Mhallas *Fee Paid*

NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

486

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 223/06 NC, fl-ismijiet Portelli Alexia vs Portelli Robert et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Lulju 2006, fl-ismijiet Alexia Portelli vs Robert Portelli, ir-rikorrenti Alexia Portelli esponiet bir-rispett;

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw żwieġ fil-ħamsa ta' Lulju elf disa' mija u sebgħa u disgħin (5.07.1997) Vide Dok A.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ inkiseb b' qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

...Omissis...

4. Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

...Omissis...

5. Illi l-kunsens tal-partijiet għalkemm ma kinux interdetti jew morda b' moħħom ma kellhomx fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja setgħat intellettwali jew ta' rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.

6. Illi għalhekk l-imsemmi żwieġ huwa null skond it-termini ta' l-Artikolu 19(1) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (h)

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija meħtieġa skond il-liġi;

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Lista tad-Dokumenti.

Lista tax-xhieda.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 14th February 2007, in the records of the Application Number 223/06 NC, in the names Portelli Alexia vs Portelli Robert et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application , filed, in the Civil Court (Family Section) on the 11th July 2006, in the names Alexia Portelli, vs Robert Portelli, the applicant Alexia Portelli pleaded with respect;

1. That the parties contracted marriage on the fifth July one thousand nine hundred and ninety seven (5.07. 1997) Vide Doc A.

2. That the consent of the parties to this marriage was acquired by deceit regarding a quality of the other party which can of its nature seriously disrupt married life.

3. That the consent of the parties to this marriage was vitiated by a serious defect of discretion of judgement on married life or on its essential rights and duties

...Omissis...

4. That the consent of the parties to this marriage was adopted by the positive exclusion of married life itself or of one or more of the essential elements of married life;

...Omissis...

5. That the consent of the parties although they were not interdicted or mentally sick, did not have at the time marriage took place, even due to a temporary reason, intellectual faculties or of a stronger will in order that the consent to marry result.

6. That thus the said marriage is null according to the terms of Article 19(1) and/or 19(1)(f) and/or 19 (1) (h)

Thus the applicants pray with respect that this Honourable Court saving any declaration which is necessary at law;

1. declare and decide that the marriage contracted between the parties and the respondent is null and without effect for all intents and purposes of Law.

List of Documents.

List of Witnesses.

Intimat: 30, Triq il-Kbira, Tarxien.

Ir-Rikors Ġuramentat Numru 223/06 NC, fl-ismijiet Portelli Alexia vs Portelli Robert, jinsab differit għat 2 ta' Mejju 2007, fid-9.00 a.m, għan-notifika tal-konvenut.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 29 ta' Marzu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: 30, Main Street, Tarxien.

The Sworn Application Number 223/06 NC, in the names Portelli Alexia vs Portelli Robert, has been put off to the 2nd May 2007, at 9.00 a.m, in order that service of the defendant be effected.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 29th March 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

487

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-5 ta' Marzu 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fuq talba ta' George Sciberras ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lil assenti Cynthia Sciberras, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 99/07 JA, fl-ismijiet 'George Sciberras vs Kuraturi Deputati et' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti..

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-5 ta' Marzu 2007, Rik. Ġuramentat 99/07 JA, fl-ismijiet George Sciberras ID 463269(M) f'ismu propju u bħala rappreżentant 'ad litem' ta' bintu minuri…omissis…vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti minn Malta, Cynthia Sciberras, ir-rikorrenti George Sciberras (ID 463269M) espona bir-rispett;

A. Dikjarazzjoni tal-fatti.

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw żwieġ bejniethom nhar l-1 ta' Diċembru 1991.....Omissis.....

2. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti tfarrak u tkisser irremedjabbilment minħabba raġunijiet rikonoxxuti fil-Liġi.....

3. Illi l-esponent kien awtorizzat jipproċedi b'din l-istanza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 5 ta' Frar 2007.....

.....Omissis.....

It is hereby notified that by a decree of the Civil Courts (Family Section) on the 5th March 2007, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by this Court following an application of George Sciberras, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Cynthia Sciberras, in the records of the Sworn Application 99/07 JA, in the names 'George Sciberras vs Deputy Curators et' and in all other relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 5th March 2007, Sworn Application 99/07 JA, in the names George Sciberras ID 463269(M) is his own name and as representative 'ad litem' of his minor daughter…omissis…vs Deputy Curators to represent the absent from Malta Cynthia Sciberras, the applicant George Sciberras (ID 463269M) pleaded with respect;

A. Declaration of facts.

1. That the parties contracted marriage between them on the 1st December 1991.....Omissis.....

2. That the marriage between the parties irretrievably broke down due to reasons recognized at Law.....

3. That the applicant was authorized to proceed with this procedure by means of a decree of this Honourable Court dated 5th February 2007.....

.....Omissis.....

4. Illi f'Jannar 2007, il-konvenuta Cynthia Sciberras telqet mid-dar matrimonjali u siefret .....

.....Omissis.....

5. Illi ma hemmx possibbilità ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

6. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponent.

B. Raġuni għat-Talbiet f' dawn il-proċeduri.

7. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex tiġi ddikjarta s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-liġi.

Ċ. Talbiet Attriċi.

Għaldaqstant l-attur in vista ta' dak kollu fuq premess jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti.....Omissis.....

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri.....Omissis.....lill-attur .....Omissis.....

3. Tiffissa retta alimentarja xierqa pagabbli mill-konvenuta lill-attur għall-minuri msemmija.

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti.....Omissis.....

5. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta ddekadiet minn sehma fil-Komunjoni ta' l-Akkwisti jew minn dik il-parti.....Omissis.....

6. Tenut kont ir-raba' u l-ħames talba, tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-Komunjoni ta' l-akkwisti, ...Omissis.....

7. Tassenja lil kull parti l-beni parafernali tagħha

8. Prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-liġi tidde-ċiedi illi l-attur għandhu jkollu d-dritt illi jibqa' jgħix fil-fond magħżul bħala d-dar matrimonjali tal-kontendenti.....Omissis.....

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jippreżentaw l-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.

4. That in January 2007 the defendant Cynthia Sciberras left the matrimonial home and went abroad.....

.....Omissis.....

5. That there is no possibility of reconciliation between the parties.

6. That these facts as hereby declared are directly known by the applicant.

B. Reason for the demands in these procedures.

7. That the present procedures are being made so that the personal separation a mensa et thoro between the parties be declared for the reasons above premised and recognized at law.

C. Plaintiff's Demands.

Thus the plaintiff in view of all that premised pray this Honourable Court that;

1. It pronounces the personal separation a mensa et thoro between the parties.....Omissis.....

2. Entrust the care and custody of the minor.....Omissis.....to the plaintiff .....Omissis.....

3. Fix the adequate maintaince payable by the defendant to the plaintiff for the minor mentioned.

4. Liquidate and dissolve the community of acquests.....Omissis.....

5. Declare and decide that the defendant forefeited her share from the community of acquests or from that part.....Omissis.....

6. Keeping in view the fourth and fifth demand, divide all the assets appertaining to the community of acquests.....Omissis.....

7. To assign each party its paraphernal property

8. Saving any declaration required by law decide that the plaintiff had the right to remain living in the matrimonial home of the parties.....Omissis.....

9. To appoint a Notary Public to publish the relative deed and deputy curators to represent the eventual defaulters.

With costs against the defendant who remains summoned so that a reference to his evidence be made.

Lista tax-xhieda.

Elenku ta' Dokumenti

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bix-xhieda ta' l-Imħallef Lino Farrugia Sacco, Duttur tal-Liġi.

Illum 5 ta' Marzu 2007.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 30 ta' Marzu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

List of Witnesses.

List of Documents.

You are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Civil Courts (Family Section) with the witness of Mr Justice Lino Farrugia Sacco, Doctor of Laws.

Today 5th March 2007.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 30th March 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

488

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Frar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Ottubru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ersilia Briffa (ID645254M) ta' Ent. D, Flat 3, Triq l-Għajn, Valletta, sabiex thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija u tnejn u sebgħin ċenteżmu Lm125.72 (€292.85) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (932/06GM) hija differita għas-16 ta' April 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Marzu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 26th February 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 19th October 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Ersilia Briffa (ID645254M) of Ent. D, Flat 3, Triq l-Għajn, Valletta, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and twenty five Maltese liri and seventy two cents Lm125.72 (€292.85) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 932/06GM) is put off on the 16th April 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th March 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

489

Billi Khaled Yassine u Duuaa El Sadi ppreżentaw rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta Rikors Nru. 299/07JRM fejn talab il-KORREZZJONI ta' l-ATT tat-TWELID (Nru. 1738/2001 fir-Reġistru Pubbliku).

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 27 ta' Marzu, 2007.

CHARLES FALZON
Dep. Reġistratur

Whereas Khaled Yassine and Duuaa El Sadi filed an application against the Director of Public Registry (No. 299/07JRM) demanding CORRECTION in the ACT of BIRTH (1738/2001 in the Public Registry).

Who ever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filled in the Public Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the foresaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of this said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

Registry of the Superior Courts, today Tuesday, 27th March, 2007.

CHARLES FALZON
Dep. Registrar

490

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, ta' l-14 ta' Frar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

The Golden Shepherd Group Limited (C 14948) ta' c/o St Philip's Hospital, Triq Psaila, Santa Venera, ippreżentaw Talba, fil-15 ta' Jannar 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Karl Stagno Navarra ta' 69, Triq Depiro, Sliema (ID 364770M), sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf lira Maltija Lm1,000 (€2,329.37) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (20/07GM) hija differita għas-16 ta' April 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum, 30 ta' Marzu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 14th February 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

The Golden Shepherd Group Limited (C 14948) of c/o St Philip's Hospital, Triq Psaila, Santa Venera, filed a Claim on the 15th January 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Karl Stagno Navarra (ID No. 364770M) of 69, Triq Depiro, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of one thousand Maltese liri Lm1,000 (€2,329.37) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 20/07GM) is put off on the 16th April 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th March 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*